



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2011/0144(COD)

15.7.2011

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-proposta għar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 302/2009 dwar il-pjan ta' rkupru multiannwali għat-tonn fl-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran (COM(2011)0330 – C7-0038/2011 – 2011/0144(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Daciana Octavia Sârbu

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Tul is-snin il-ħażniet ta' tonn naqqsu drastikament u jeħtieġ li tittieħed azzjoni urġenti biex jiġu protetti. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), li tagħha l-UE hija parti kontraenti (PKK), qablet fuq rakkomandazzjoni fil-laqgħa annwali fl-2010. Ir-rakkomandazzjoni 10-04 tfittex li żżid il-miżuri biex jiġi protett it-tonn billi jiġi emendat il-pjan ta' rkupru multiannwali approvat minn qabel. Il-bidliet jinkludu tnaqqis tal-qabda totali permissibli u t-tiħiħ tal-miżuri ta' kontroll użati biex jimplementaw il-pjan ta' rkupru, speċifikament dawk il-miżuri ta' kontroll relatati mal-operazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ u tat-trasport. L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li jittrasferixxi din ir-rakkomandazzjoni l-għida tal-ICCAT fid-dritt tal-UE.

Minħabba li r-rakkomandazzjoni tal-ICCAT ġiet diġà adottata f'livell internazzjonali, il-possibbiltajiet għall-emenda tat-test tat-traspożizzjoni huma limitati. Madankollu, hemm xi modifiki li jistgħu jsiru sabiex tittejjeb il-proposta.

1. Konsistenza ma' obbligi ġuridiċi oħra

Barra r-rakkomandazzjoni tal-ICCAT, l-UE marbuta wkoll minn obbligi ġuridiċi oħra fir-rigward ta' ħażniet tal-ħut u l-ambjent tal-baħar. L-aktar sinifikanti fost dawn hija x'aktarx id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima li tobbliga Stati Membri biex jiksbu 'status ambjentali tajjeb' mhux aktar tard mill-2020. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/477, li tistabbilixxi kriterji u standards metodoloġiċi li għandhom x'jaqsmu ma' status ambjentali tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar, issostni li l-popolazzjonijiet kollha tal-ħut sfruttati kummerċjalment għandhom ikunu "flimiti bijoloġikament siguri".

Minħabba li, skont l-Artikolu 7 TFUE, l-UE għandha tiżgura konsistenza bejn il-leġiżlazzjoni u l-politiki tagħha, huwa neċessarju li tirrifletti l-obbligi li jinsabu fid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima fil-pjan ta' rkupru multiannwali għat-tonn.

2. Operazzjonijiet ta' tqegħid fil-gaġeġ

'Operazzjonijiet tad-tqegħid fil-gaġeġ' tirreferi għat-trasferiment tat-tonn għal gaġeġ tat-tismin u tat-trobbija. Sezzjoni tat-test ICCAT, li tirreferi għall-każijiet li jiddeterminaw il-PKK responsabbli f'każijiet li fihom żona fejn jittrabba l-ħut tinsab barra l-ġurisdizzjoni tal-PKK, tħalliet barra mit-test tat-traspożizzjoni. Din għandha tiġi inkluża sabiex tiġi ċċarata l-PKK responsabbli f'dan il-kuntest speċifiku.

3. Żoni fejn ibid il-ħut

It-test ICCAT jenfasizza l-importanza tal-identifikazzjoni u l-protezzjoni taż-żoni fejn ibid il-ħut. Il-Kumitat għall-Ambjent għandu jtenni l-importanza ta' dan billi x'aktarx ser ikun element essenzjali ta' kwalunkwe pjan ta' rkupru li jkun ta' suċċess.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) adottat Rakkomandazzjoni 10-04 li temenda l-pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn. Sabiex jinbena l-istokk mill-ġdid, ir-rakkomandazzjoni tipprevedi tnaqqis ulterjuri fil-qabdiet totali permissibbli, tishiĥ tal-miżuri li jnaqqsu l-kapaċità tas-sajd kif ukoll rinfurzar tal-miżuri ta' kontroll, b'mod partikolari, fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' trasferiment u tqegħid fil-gaġeġ.

Emenda

(1) Il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) adottat Rakkomandazzjoni 10-04 li temenda l-pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn. Sabiex jinbena l-istokk mill-ġdid, ir-rakkomandazzjoni tipprevedi tnaqqis ulterjuri fil-qabdiet totali permissibbli, tishiĥ tal-miżuri li jnaqqsu l-kapaċità tas-sajd kif ukoll rinfurzar tal-miżuri ta' kontroll, b'mod partikolari, fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' trasferiment u tqegħid fil-gaġeġ, **u tipprevedi pariri addizzjonali fuq l-identifikazzjoni taż-żoni fejn ibid il-ħut u l-ħolqien ta' riservi li għandhom jiġu żviluppati sal-2012.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rakkomandazzjoni ICCAT tenfasizza l-bżonn urġenti għall-identifikazzjoni korretta taż-żoni fejn ibid il-ħut. Il-protezzjoni taż-żoni fejn ibid il-ħut ser tkun fil-qalba tas-suċċess finali tal-pjan ta' rkupru u din għandha tiġi kkunsidrata mill-PKK kollha.

Emenda 2

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 3 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3 a) Il-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tat-tonn għandhom ikunu konsistenti mad-

Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin (Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima)¹ u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/477/UE tal-1 ta' Settembru 2010 dwar kriterji u standards metodoloġiċi għal status ambjentali tajjeb ta' ilmijiet tal-baħar² li jirrikjedu li l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jiżguraw bijomassa tal-istokk li jkun qed ibid ta' kull popolazzjoni ta' ħut sfruttat kummerċjalment, inkluż it-tonn, hija daqs il-bijomassa tal-istokk li jkun qed ibid jew aktar minnha assoċjat mal-massimu sostenibbli tal-prodott mhux aktar tard mill-2020.

¹ ĠU 64, 25.6.2008, p. 19.

² ĠU 32, 2.9.2010, p. 14.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Barra mir-rakkomandazzjoni tal-ICCAT, l-UE hija marbuta wkoll mad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima, li tobbliga l-Istati Membri biex 'jilħqu status ambjentali tajjeb' sal-2020. Status ambjentali tajjeb ifisser li jiġi żgurat li l-istokk tal-ħut sfruttat kummerċjalment ikun fil-limiti bijoloġiċi siguri. Biex tkun żgurata l-konsistenza bejn il-politiki u l-leġiżlazzjoni, li l-UE teħtieġ li tagħmel skont l-Artikolu 7 TFUE, huwa neċessarju li tirrifletti l-obbligi rilevanti tad-Direttiva tal-Qafas dwar l-Istrateġija Marittima fil-pjan ta' rkupru għat-tonn.

Emenda 3

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 1

Ir-Regolament (KE) Nru 302/2009

Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

L-għan ta' dak il-pjan ta' rkupru għandu jkun li tinkiseb bijomassa li tikkorrispondi għar-rendiment massimu sostenibbli

Emenda

L-għan ta' dak il-pjan ta' rkupru għandu jkun li tinkiseb bijomassa li tikkorrispondi għar-rendiment massimu sostenibbli **sal-**

Ġustifikazzjoni

Barra mir-rakkomandazzjoni tal-ICCAT, l-UE hija marbuta wkoll mad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima, li tobbliga l-Istati Membri biex 'jiksbu status ambjentali tajjeb' sal-2020. Status tajjeb ambjentali jfisser li jiġi żgurati li l-istokk tal-ħut sfruttat kummerċjalment ikun fil-limiti bijoloġiċi siguri. Biex tkun żgurata l-konsistenza bejn il-politiki u l-leġiżlazzjoni, li l-UE teħtieġ li tagħmel skont l-Artikolu 7 TFUE, huwa neċessarju li tirrifletti l-obbligi rilevanti tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima fil-pjan ta' rkupru għat-tonn.

Emenda 4

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 10

Ir-Regolament (KE) Nru 302/2009

Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istat Membru responsabbli għar-razzett għandu jippreżenta fi żmien ġimgħa mill-ikkompletar tal-operazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ, rapport dwar it-tqegħid fil-gaġeġ, validat minn osservatur, lill-Istat Membru jew PKK, li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom ikunu stadu għat-tonn, kif ukoll

lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat minnufih dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT. Dan ir-rapport għandu jkun fih l-informazzjoni inkluża fid-dikjarazzjoni dwar it-tqegħid fil-gaġeġ imsemmija fir-Rakkomandazzjoni ICCAT [06-07] dwar it-trobbija tat-tonn.

Emenda

1. L-Istat Membru responsabbli għar-razzett għandu jippreżenta fi żmien ġimgħa mill-ikkompletar tal-operazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ, rapport dwar it-tqegħid fil-gaġeġ, validat minn osservatur, lill-Istat Membru jew PKK, li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom ikunu stadu għat-tonn, kif ukoll

lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat minnufih dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT. Dan ir-rapport għandu jkun fih l-informazzjoni inkluża fid-dikjarazzjoni dwar it-tqegħid fil-gaġeġ imsemmija fir-Rakkomandazzjoni ICCAT [06-07] dwar it-trobbija tat-tonn.

Meta l-faċilitajiet tat-trobbija tal-ħut awtorizzati għat-trobbija tat-tonn maqbuda fiż-żona tal-Konvenzjoni (minn issa 'l quddiem imsemmija bħala FFBs) jinsabu barra mill-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni tal-PKK, dan il-paragrafu għandu japplika, mutatis mutandis, għall-

***PKK fejn jinsabu l-persuni fiżiċi jew
ġuridiċi responsabbli għall-FFBs.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-referenza għat-trobbija tal-ħut li jinsabu barra mill-ġurisdizzjoni tal-PKK hija inkluża fir-rakkomandazzjoni ICCAT imma qatt ma ġiet eskluża mill-proposta tal-Kummissjoni. Għandha tiġi inkluża sabiex tiċċara liema PKK huwa responsabbli.

Emenda 5

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 10

Ir-Regolament (KE) Nru 302/2009

Artikolu 24 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Jekk l-investigazzjoni ma tintemmx fi
żmien 10 ijiem ta' xogħol jew jekk l-eżitu
tal-investigazzjoni tindika li l-għadd jew il-
piż medju tat-tonn
jissupera l-10 % ta' dak iddikjarat mill-
operatur tar-razzett, il-PKK jew l-Istat
Membru tal-bandiera,
responsabbli għall-bastiment tal-qbid
għandu joħroġ ordni tar-rilaxx ***għall-
kwantitajiet
żejda.***

Emenda

Jekk l-investigazzjoni ma tintemmx fi
żmien 10 ijiem ta' xogħol jew jekk l-eżitu
tal-investigazzjoni tindika li l-għadd jew il-
piż medju tat-tonn
jissupera l-10 % ta' dak iddikjarat mill-
operatur tar-razzett, il-PKK jew l-Istat
Membru tal-bandiera,
responsabbli għall-bastiment tal-qbid
għandu joħroġ ordni tar-rilaxx ***għan-
numru u/jew toqol żejjed.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

*Ir-referenzi speċifiċi għan-numru u toqol intużaw fl-istess paragrafu kollu u m'għandhomx
jinbidlu. Din il-formulazzjoni ntużat wkoll fir-rakkomandazzjoni ICCAT. Il-kelma
'kwantitajiet' hija inqas preċiża.*